**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**PULIZIJA**

**(Spt. Elliot Magro)**

**Vs**

**FAUSTINO GERADA**

**Illum is-16 ta' Gunju 2022**

**Kaz. Nru; 184-126**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Faustino Gerada bin Carmelo u Maria nee Camilleri imwieled Zabbar fi 27 ta' Lulju 1957, residenti gewwa Thornbirds, Triq il-Farfett tal-Fejgel, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 513357M, akkuzat talli;

1. Fl-4 ta' Dicembru, 2020 ghall-habta ta' 15:28hrs u fi granet u l-hinijiet ta' qabel waqt li kien qieghed gewwa l-Kalkara u fil-gzejjer Maltin, bhala persuna licenzjata ghal insib fil-harifa telaq minn fuq il-post tal-insib minghajr ma nehha x-xbieki jew halla l-imnasab mhux skargat bix-xbieki kompletament mhux mghottija u dan bi ksur tar-Reg 7(h), L.S. 549.74

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza xi lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' regolament 7(1) (i) tal-L.S. 549.42.

Il-Qorti giet mitlba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfsika tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lix-xhieda prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta li l-mansab in kwistjoni kienu ilu jigi osservat ghal xi jiem minn rapprezentanti tal-Birdlife. Minn dawn l-osservazzjonijiet wiehed setgha jinnota li l-mansab kien qed jithalla armat minghajr ma kien qed ikun issorveljat. Dak inhar tal-ispezzjoni mill-pulizija, Tribe kienet osservat xi nies diehlin fil-mansab in kwistjoni li wara rrizulta li kienu l-qua imputat u ibnu u ghaldaqstant ghamlet rapport mal-pulizija. Il-Pulizija marru fuq il-post u sabu lill-qua imputat u wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu kif ukoll wara li nghata l-opportunita' li jara l-filmat, l-imputat gie rrapurtat bil-gurament li *"... ammetta li l-istazzjonijiet tal-insib ghall-ghasafar in kwistjoni kienu thallew wahedhom ghal xi hin iktar kmieni"*.

Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ma tirrizulta l-ebda prova li kien il-qua imputat li halla l-mansab armat fuq is-sit indikat mix-xhud Alice Tribe f'diversi okkazzjonijiet. Il-fatt li mansab ikun irregistrat fuq persuna partikolari ma jfissirx necessarjament li kien huwa li halla l-mansab attiv. Fil-fatt huwa propju anke l-Avviz Legali li jirregola l-insib li adirittura jippermetti li mansab partikolari jkun jistgha jintuza skond il-ligi minn iktar min-nassab wiehed.

Stabbilit dan fil-kaz odjern jirrizulta ukoll li meta l-imputat kien mitkellem mill-pulizija huwa ddikjara (dejjem skond l-affidavits tal-pulizija), wara li nghata d-drittijiet tieghu inkluz id-dritt ghall-assistenza legali: *"... ammetta li l-istazzjonijiet tal-insib ghall-ghasafar in kwistjoni kienu thallew wahedhom ghal xi hin iktar kmieni"*.

Illi din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li tkun *safe and satisfactory* li tistrieh fuq din id-dikjarazzjoni meta huwa car li din id-dikjarazzjoni ma tatiex indikazzjoni ta' data u/jew hin li fihom il-mansab thalla wahdu bil-ghan li jkun jistgha jigi determinat jekk dak li stqarr l-imputat jaqghax fil-parametri ta' zmien indikati fic-citazzjoni. Li jirrizulta zgur huwa li fil-hin indikat fic-citazzjoni huwa l-hin tal-ispezzjoni mill-pulizija u dak il-hin skond ix-xhieda tal-prosekuzzjoni stess, l-imputat kien fuq il-mansab. Di piu' jidher car li fl-ebda hin ma l-imputat ammetta li kien halla l-mansab wahdu ghall-okkazzjonijiet precedenti fil-granet ta' qabel li dwarhom xehdet Alice Tribe ghaliex il-kliem 'aktar kmieni' fil-fehma ta' din il-Qorti jaghmel referenza ghal hin precedenti f'dik l-istess gurnata. Konsengwentament jinghad li galadarba l-imputat ammetta mal-pulizija li 'aktar kmieni' f'dik l-istess gurnata huwa halla l-mansab wahdu, dina l-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li wiehed janalizza d-disposizzjoni tal-ligi li tirregola dan l-aspett. Ir-reglament 7h tal-Avviz Legali 549.74 jistipula:

> *tispeċifika* ***li qabel ma titlaq minn fuq il-post tal-insib <u>u</u> matul il-ħinijiet kollha li fihom ma jkunx permess l-insib***, *il-persuna liċenzjata għandha tneħħi ix-xbieki,jew tħalli l-imnasab skargati bix-xbieki kompletament mgħottija:*
>
> *Iżda l-imnasab, inkluż ix-xbieki u il-lasti, għandhomjiżżarmaw kompletament immedjatament mallijingħalaq l-istaġun tal-insib u mneħħija minn fuq il-post.* (emfazi ta' din il-Qorti)

Minn qari ta' din id-disposizzjoni jirrizulta car li dak li huwa sanzjonabbli huwa l-fatt li persuna titlaq minn fuq il-post tal-insib <u>u</u> (mhux 'jew' ghaldaqstant kundizzjoni kumullattiva) li l-hin ikun tali li ma jkunx permess l-insib fih. Dan tal-ahhar fil-kaz odjern definittivament ma jirrizultax (galadarba l-hin f'dik l-istess gurnata kien tali li fih kien permessibli li jsir insib) u ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mill-imputazzjonijiet dedotti.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti qed tiddikjara lill-qua imputat Faustino Gerada mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Christine Farrugia**

**Deputat Registratur**